ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

INTRODUZZJONI GĦAD-DOKUMENTI TAS-SINODU DJOĊESAN



# IL-KUNTEST MALTI

sinodu MALTA

Introduzzjoni għad-Dokumenti tas-Sinodu Djoċesan

# Il-Kuntest Malti

sinodu
MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 18 - 1

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

"Jien naf li d-dokumenti huma frott ta' proċess importanti fil-ħajja tal-Knisja f'Malta, li beda b'konsultazzjoni wiesgħa ħafna u li kompla bil-laqgħat ta' l-Assemblea u bis-sehem ta' ħafna nies li ħadmu b'sens kbir ta' korresponsabbiltà, ġenerożità u kompetenza. Għalhekk id-dokumenti huma riżultat ta' proċess sinodali li ħareġ mill-qalba tal-Knisja f'Malta.

Wara li jien eżaminajt id-dokumenti tas-Sinodu, illum 29 ta' Settembru 2003, b'dan id-digriet, u bl-awtorità tiegħi bħala Isqof ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, jien qed napprovahom bħala gwida pastorali għall-ħajja u għall-missjoni tal-Knisja f'Malta. Dawn id-dokumenti jkunu ppubblikati fil-ġimgħat li ġejjin."

L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca
fid-Digriet ta' Approvazzjoni
tad-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan

# PREŻENTAZZJONI

Fid-29 ta' Settembru 2003, fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca ffirma d-Digriet ta' Approvazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.

B'kollox hemm tmien dokumenti, flimkien ma' introduzzjoni għalihom. Dawn id-dokumenti għandhom valur kbir għall-Knisja f'Malta, għal diversi raġunijiet:

**Huma frott ta' proċess ekkleżjali u ta' parteċipazzjoni kbira**

Dan il-proċess beda bil-konsultazzjoni wiesgħa li kienet saret f'Malta fl-ewwel fażi tas-Sinodu li beda fid-29 ta' Settembru 1999. Fiha ħadu sehem mal-mitt elf ruħ. Minn dik il-konsultazjoni ħarġu tmien temi u għal kull tema minn dawn ġie ppreparat dokument minn gruppi apposta. Meta l-Arċisqof laqqa' Assemblea rappreżentattiva tal-Knisja f'Malta, din iddiskutiet fid-dettall u għarblet kull dokument, tul diversi laqgħat. Fl-ewwel xhur ta' 2003, id-dokumenti kollha ġew approvati mill-Assemblea u mogħtija lill-Arċisqof għall-approvazzjoni tiegħu. Għalhekk id-dokumenti tas-Sinodu ħerġin mill-qalba tal-Knisja f'Malta fi proċess ta' djalogu u dixxerniment kontinwu.

**Huma dokumenti li jgħinu lill-Knisja tagħraf is-sinjali taż-żminijiet**

Tul is-Sinodu, il-Knisja f'Malta għamlet ħilitha biex tagħraf is-sinjali taż-żminijiet u twieġeb għalihom. Dawn id-dokumenti huma tweġiba, fid-dawl ta' l-Evanġelju u t-tagħlim tal-Knisja, għax-xewqat u l-ħtiġijiet tan-nies kif intwerew b'mod ċar tul il-konsultazzjoni.

**Huma dokumenti li jittrattaw firxa wiesgħa tal-ħidma tal-Knisja**

Id-dokumenti jittrattaw oqsma ta' importanza kbira ħafna. Ifissru l-viżjoni ta' Knisja komunjoni, kif ukoll ir-relazzjoni tal-Knisja mas-soċjetà u mal-kultura. Jitkellmu fuq l-impenn tal-lajċi nsara fid-dinja u fil-Knisja, u jagħtu attenzjoni partikulari lill-oqsma taż-żwieġ u tal-familja, kif ukoll ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Jitkellmu wkoll fuq tliet ministeri fundamentali fil-Knisja: li xxandar il-Kelma ta' Alla, li tiċċelebra b'mod ħaj il-liturġija u s-sagramenti, u li tħaddan lil kulħadd fi spirtu ta' djakonija filwaqt li taħdem għall-promozzjoni tal-ġustizzja. Id-dokumenti ma jittrattawx l-oqsma kollha. Anzi, fl-istess ħidma tas-Sinodu, ġew identifikati temi partikulari li fiż-żmien li ġej jeħtieġ li jiġu mistħarrġa aktar.

**Huma għodda mill-aktar utli għall-formazzjoni ta' l-insara**

Id-dokumenti fihom tagħlim mitqlu deheb, li jiswa għall-formazzjoni ta' kull nisrani u nisranija f'Malta. Id-dokumenti jagħmlu stedina lil kulħadd biex din il-formazzjoni tittieħed dejjem aktar b'serjetà kbira. Jitolbu qabża fil-kwalità ta' din il-formazzjoni.

**Id-dokumenti jagħtu direzzjoni għall-ħidma pastorali**

Id-dokumenti jagħtu direzzjoni ċara. Fihom diversi proposti konkreti mifruxa fil-Knisja kollha f'Malta. Hemm proposti li bdew jitwettqu hekk kif intemm is-Sinodu. Hemm proposti oħrajn li jridu ż-żmien biex jitwettqu u ma jseħħux mil-lum għal għada, imma bir-rieda tajba jaslu wkoll. Id-dokumenti jitfgħu l-ħarsa tal-Knisja f'Malta 'l quddiem, biex tissaħħaħ fil-ħeġġa u fl-entużjażmu ħalli taqdi bl-aħjar mod il-missjoni tagħha.



## IL-KUNTEST MALTI
## Xejriet Ġodda

## Il-futur jistaqsina

1

Kull ħarsa lejn il-futur timraħ 'il bogħod waqt li trid iżżomm saqajha ma' l-art. F'dawn id-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan, hija l-Knisja f'Malta li qed tħares lejn il-futur, filwaqt li tagħraf aktar lilha nnifisha u r-relazzjoni ma' dawk ta' madwarha.

Il-Knisja f'Malta tagħraf il-ħtieġa li tgħarbel il-preżent li qed iseħħ minn jum għal jum, biex tkun fidila għas-sejħa tal-Mulej u tagħraf aħjar kif taqdi l-missjoni tagħha fis-soċjetà u fil-kultura Maltija. Il-Knisja hi msejħa biex tgħix il-Kelma ta' Alla, b'dak li hi qabel milli b'dak li tgħid (ara Ġw1,39; Mt 11,4-6). Dan l-għajxien ġieli jitlob bidla fil-mentalità u fl-istrutturi tal-Knisja (ara Fil 2,5-8; 2 Kor 8,9).

Biex Kristu ltaqa' mal-bniedem, daħal fil-kuntest u l-istorja tal-bniedem. Għalhekk il-ħidma tas-Sinodu Djoċesan inbniet fuq dak li ntqal mill-poplu fil-konsultazzjoni wiesgħa li saret fl-ewwel fażi tas-Sinodu[1] u fuq analiżi tal-kultura u l-istorja ta' żmienna.

Din l-introduzzjoni għad-dokumenti tas-Sinodu ssemmi xi fatturi mill-bidliet li seħħew f'dawn l-aħħar snin f'Malta. Punti oħra jissemmew tul id-dokumenti tas-Sinodu. Hija ħarsa sinċiera lejn ir-realtà. Hu fl-isfond ta' dan il-kuntest Malti, bix-xejriet kultura u soċjali ġodda, li s-Sinodu qed jagħmel proposti fid-diversi dokumenti tiegħu.

## Il-kuntest Malti – xejriet kulturali u soċjali ġodda

2

Malta għaddiet minn bidliet kbar f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Uħud mill-bidliet għamlu ħafna għagħa (ezempji: bidliet politiċi bħat-tmexxija ta'

[1] Ara *Rapport tal-Konsultazzjoni fl-ewwel fażi tas-Sinodu Djoċesan* (1 ta' Novembru 2000).

pajjiżna minna stess, bidliet soċjali, il-bidu ta' xandir bil-Malti, emigrazzjoni, żvilupp tat-turiżmu). Iżda matul dan iż-żmien saru u qed isiru bidliet siekta li fil-ħemda tagħhom qegħdin isawru ambjent ġdid. Inbidlu saħansitra l-arja u l-kultura li jservu ta' fosdqa għalina li ngħixu fihom.

## Edukazzjoni mifruxa għal ħafna

3

L-edukazzjoni tal-ħafna mhux biss għenet biex kull persuna tagħraf u tuża aħjar il-kapaċitajiet tagħha, iżda qiegħda twassal għal emanċipazzjoni aktar wiesgħa.[2] Ħafna Maltin qed ifittxu u jindiehsu ma' qari u kulturi ġodda. Dan joffri sfidi ġodda għax-xandir tal-Kelma ta' Alla li saret vuċi fost ħafna oħra titkarrab għal post fil-qalb tal-Maltin.

Minħabba f'hekk, dawk li huma impenjati f'ħidma fil-parroċċi, fl-għaqdiet u f'oqsma oħra, huma aktar mgħallma u professjonali minn qabel. Dak li kien jgħaddi lbieraħ mhux bilfors jgħaddi llum. Il-Kelma m'għandhiex tkun inbid ġdid f'damiġġani qodma (Mk 2,21-22). Il-preżentazzjoni tal-qawmien trid tilbes il-bixriet ġodda ta' żmienna.

Waqt li kiber it-tagħlim, baqa' wkoll in-nuqqas ta' tagħlim. Qed nintebħu li għandna fostna wħud li la jafu jaqraw u anqas jiktbu. U donnu li din il-qagħda ta' illiteriżmu taffettwa ċerti setturi tal-popolazzjoni u ċerti lokalitajiet aktar minn oħrajn. Dawn huma l-grupp ġdid ta' nies li għandu bżonnijiet speċjali.

Hemm ukoll uħud li m'humiex litterati f'dik li hi informatika, jew f'xi aspetti tat-teknoloġija, u oħrajn li ddeċidew li ma jagħtux każ ta' l-iżviluppi f'dawn l-oqsma jew inkella kibru wisq fl-età, u għalhekk qatgħu qalbhom li jitgħallmu affarijiet ġodda.

2 Inħolqu professjonijiet ġodda. Għadd kbir ta' żgħażagħ li jħallu l-iskola sekondarja qegħdin ikomplu xi għamla ta' speċjalizzazzjoni/studju.

## Ir-rwol ġdid tal-mara fis-soċjetà

4

Bidla fundamentali fil-kultura Maltija hija bla dubju r-rwol sinifikattiv li ħadet il-mara fis-soċjetà. M'għadhiex il-mara dik li tieħu ħsieb biss id-dar, bil-faċendi ta' kuljum, u t-trobbija tat-tfal, imma saret il-mara li qed tfittex ukoll ir-rwol tagħha fis-soċjetà. Illum issib nisa li qed jiddedikaw l-enerġiji kollha tagħhom f'kull settur tas-soċjetà. Illum il-mara saret ukoll tfittex li ttejjeb il-karriera tagħha.[3] Dan qed iġib tibdil fis-soċjetà Maltija kif ukoll fil-familja Maltija.

Anki fil-Knisja, il-mara qed issaħħaħ il-preżenza tagħha. Illum issib nisa jagħtu sehemhom fil-Kurja, fit-Tribunal Ekkleżjastiku, fil-liturġija bħala animaturi u qarrejja, fit-tqarbin bħala ministri straordinarji, fil-kummissjonijiet u kunsilli fid-djoċesi u fil-parroċċi, u fit-tmexxija ta' għaqdiet u movimenti. Illum għandna diversi nisa li ħadu korsijiet ta' studji reliġjużi fil-Fakultà tat-Teoloġija.

## Raġunament ekonomiku hu l-mutur tal-kultura

5

Qed ngħixu fi żmien ta' konsum u aspirazzjonijiet kbar. U dan f'kull qasam tas-soċjetà! Naqas ċertu faqar materjali li kien komuni fostna. Hawn iżjed nies jaħdmu bi qligħ. Iż-żgħażagħ għandhom iżjed flus fl-idejn. Ix-xjuħ għandhom il-pensjoni. Dawn kollha flimkien ħolqu klassi soċjali ġdida, *middle class*, li għandha ċerta libertà f'dak li taħseb, tixtieq, tixtri u tgħid.

Iżda dawn l-aspirazzjonijiet għandhom effetti oħra wkoll. Issib tfal li m'humiex kuntenti li jkollhom basket ta' l-iskola, imma jridu li jkun

[3] F'Lulju 2003, kważi 30% (40,525) fost dawk li jaħdmu bi qligħ *full-time* (138,215) kienu nisa - ara Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika, *News Release* 190 (9 ta' Diċembru 2003).

tad-ditta. Dan l-atteġġjament huwa sottili u jolqot kull qasam tas-soċjetà: stil ta' ħajja ta' żgħażagħ, stil ta' bini u għamara fid-djar, ilbies u ġosti. Il-poplu tagħna jgerger meta s-servizz mhux tajjeb u malajr. Jilmenta jew iwarrab jekk il-post ma jiġbdux u mhux komdu. Dan ma jistax ma jinħassx ukoll fis-servizz li tagħti l-Knisja li jrid jasal għand nies li għandhom dawn l-aspettattivi.[4]

"Naħdem ħalli naqla' biex ikolli x'nonfoq." Din l-attitudni ssegwi minn dak ta' fuq. "Jekk m'għandix x'nonfoq, allura jien mhux bniedem bħall-oħrajn." "Jekk ma nonfoqx, jien m'iniex stmat daqs oħrajn." Dan jgħabbi liċ-ċittadini Maltin bil-bżonn ta' ħidma ma taqta' xejn, u li ma tħallix nifs biex in-nies tapprezza l-gost tal-ħajja. Inaqqas il-ħin tal-volontarjat li, fost l-oħrajn, minnu kienu jiddependu ħafna mill-ħidmiet tal-Knisja f'Malta.

"Jekk m'għandix, niddejjen." Il-kultura tal-banek għaddiet minn istituzzjoni ta' tifdil għal waħda li tħaddem il-flus u allura l-akkwist tal-flus fl-idejn huwa aktar faċli.[5] B'hekk ninqabad f'ċirku li dejjem jitlob aktar minni sakemm nista' nispiċċa nintaħan taħt il-piż tal-ħajja.

F'din il-kultura qegħdin jixxettlu fostna forom ġodda ta' faqar li joħonqu l-libertà ta' wlied Alla. Id-dejn, *stress* fil-familji, użura, alkoħol, tbaħrid bla rażan, il-vojt, huma biss sintomi ta' dan il-"faqar ġdid".

Minħabba r-raġunament ekonomiku naqas ħafna s-sens etiku. Il-qligħ kultant sar il-kriterju ewlieni ta' l-azzjonijiet kollha possibbli. Il-konflitt ta' l-interessi *(conflict of interest)* sar komuni ħafna għall-kbir u għaż-żgħir. Jidher li parti minn din is-sitwazzjoni ġejja għax aħna pajjiż żgħir u faċli li bniedem ikollu jilbes aktar minn kappell wieħed fis-soċjetà. Iżda għax aħna pajjiż żgħir, aktar u aktar huwa importanti li jkollna sens ta' etika b'saħħtu fil-pajjiż.

4 Eżempji mill-konsultazzjoni: in-nies iridu omelija bis-sens u bla dewmien; in-nies jistennew li l-ambjent tal-knisja jkun komdu, jilqgħek u nadif.

5 L-aspettattivi għolja qegħdin iwasslu għal dejn individwali u wkoll għal dejn kollettiv. Parti minn dan id-dejn hija investiment għall-futur bit-tama li jħalli qligħ akbar. Iżda parti mid-dejn hija spiża biex insostnu l-ħajja u l-aspettattivi tagħna. Fil-każ ta' l-aħħar, il-ħlas ta' l-interessi għandu konsegwenzi kbar.

## Malta pluralista

6

Diversi Maltin ħaddnu x-xejriet ta' dinja post-moderna. F'dan il-mod ta' għajxien timraħ sfiduċja fir-raġuni u t-tifsira tal-kunċetti u l-kliem. Kull awtorità tista' tkun għamla oħra ta' jasar ma' dawk li nbnew maż-żminijiet u għalhekk il-ħtieġa ta' għarbiel kritiku. L-aġir ta' kull jum isir bħal ktieb li minnu wieħed jaqra, jifli u jgħarbel l-interessi ta' l-awtorità. Dak li lbieraħ kien sagru u fundamentali mhux bilfors jitqies hekk illum ukoll. Kollox irid jerġa' jinbena mill-ġdid wara li jgħaddi mill-għarbiel.

Illum Malta mhix gżira. Bħala ġens illum ngħixu ma' 'l fuq minn miljun persuna li jiġu jżuruna kull sena. Parti l-kbira mix-xogħol u l-qligħ tal-Maltin ġej minn dan l-għajxien mal-barrani. Ħafna Maltin isiefru mhux biss fl-Ewropa imma wkoll lejn kontinenti oħra. M'għadniex nixtru biss mill-ħanut ta' ħdejna. Uħud, permezz ta' l-elettronika jfittxu li jimirħu fi ħwienet imxerrda mad-dinja. Aħna nbdilna. Tant hu hekk li l-emigranti Maltin li jiġu lura ma jagħrfuhiex lil Malta.

Lanqas nistgħu ngħidu li l-Maltin għadhom ta' twemmin wieħed. Aħna stess sirna ġens ta' ħafna twemmin. Għandna fostna nies li għadhom iħaddnu valuri tradizzjonali li għalihom aħna tant magħrufin. Iżda żdiedu dawk li jaħsbuha xorta oħra.

## Knisja u kultura m'għadhomx jiġbdu ħabel wieħed

7

Kien hemm żmien fl-imgħoddi meta l-Knisja u l-kultura Maltija kienu ħaġa waħda. Barra minn hekk, ftit li xejn kienet issir distinzjoni bejn Knisja bħala istituzzjoni u l-Knisja bħala l-Poplu ta' Alla li jfittex iġedded il-mixja tiegħu lejn Alla. F'dan l-ambjent, jekk il-Maltin ma kinux isiru nsara minħabba l-Knisja, kienu jsiru hekk minħabba l-kultura (insara kulturali). Allura

l-Knisja ma kinitx f'pożizzjoni li tgħarbel u tara l-effikaċja tal-ħidma tagħha. Issa, meta dawn saru differenti, allura rridu niflu l-kuntest biex naraw fejn aħna. Irridu niflu l-ħsieb, l-imġiba, l-istrutturi, il-ħidma biex insaħħu dak li tassew jibni l-fidi ħajja tagħna.

## Il-preżenza tal-*media*

8

Ir-rivoluzzjoni ta' dinja elettronika biddlet, u ser tkompli tbiddel, il-ħajja tal-Maltin. Matul dawn l-aħħar snin żdied l-użu ta' diversi forom ta' *media*. Inbidlu l-gazzetti. Daħlu r-radjijiet, it-televiżjoni, u s-satelliti. Infetħu *web-portals*. Inbidel ukoll il-kontenut offrut b'dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni. Permezz ta' l-internet, Malta saret parti minn xibka dinjija li tiksi kullimkien.

M'għadniex nistgħu ngħidu li l-*media* lokali joffru produzzjoni tal-barrani, għaliex il-produzzjoni Maltija f'dan il-qasam żdiedet bis-sħiħ.[6] Dan iħalli aktar effett fost il-Maltin. It-tfal għandhom aċċess għall-kompjuter minn età żgħira. F'dak li tagħmel, kultant in-nies m'għadhiex tfittex il-gwida, imma tmexxi lilha nnifisha.[7]

Ħafna mill-*producers* tal-*media* lokali huma nies ta' età żagħżugħa. Dawn joffru "omeliji" li jinteressaw u jinftiehmu miż-żgħażagħ Maltin. *Producers* oħra joffru "omeliji" b'interess politiku. Anzi nistgħu ngħidu li l-interess politiku tant kiber fil-*media* tagħna li qajla fadal post għal ħsibijiet oħra fil-misraħ Malti.

6 Fl-1999 kellna 117,242 siegħa ta' xandir bir-radju u t-TV f'Malta. Minn dawn 98,944 siegħa kienu produzzjoni lokali. Il-programmi reliġjużi ammontaw għal 4719 siegħa, jiġifieri 4.03%, u kienu produzzjoni lokali - ara Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika, *News Release* 74 (1 ta' Awissu 2001).

7 Forsi dan huwa l-effett importanti: mhux l-aktar il-kontenut innifsu, iżda l-għarfien li wieħed kapaċi jfittex u jagħżel dak li jrid. Diversi żgħażagħ m'għadhomx jitolbu parir dwar fejn u x'għandhom jaraw u jagħmlu.

Il-*media* f'Malta, bħal f'pajjiżi oħra, huma mmexxija minn strutturi kumplessi. F'Malta għandna każ aktarx uniku fejn il-parti l-kbira tal-*media* lokali hija tal-partiti politiċi.

Il-*media* jgħaqqdu l-bnedmin flimkien. Fi żminijietna, il-komunikazzjoni saret iċ-ċentru tas-soċjetà u l-kultura tagħha. Il-komunikazzjoni ġiet ukoll aċċettata mis-soċjetà għax sar fiha possibbiltà ta' qligħ ġdid – għajn ġdid ta' ġid – tant li qed jinħoloq tip ta' ekonomija ġdida. F'dan, Malta qiegħda tingħaqad mal-bqija tad-dinja f'*network* wieħed. F'din il-bizzilla kbira, il-komunikazzjoni hija bħal ħjut li jgħaqqdu lil kulħadd flimkien.

Il-Knisja f'Malta bniet l-istrutturi tagħha tal-*media* (gazzetta, radju, "preżenza" fuq TVM). Fil-Knisja nibtu wkoll individwi u gruppi li għandhom ċentri ta' produzzjoni tagħhom. Barra minn hekk il-*media* tal-partiti ħolqu huma stess kuntatti speċjali biex jipprovdu servizz reliġjuż fuq l-istazzjonijiet tagħhom.

## Aktar ħin liberu
## *(leisure time)*

**9**

Is-sens tal-gost sar parti importanti tal-ħajja tal-Maltin. Għadda ż-żmien meta wieħed kien iħossu ħati għax qiegħed iħalli ħin għall-mistrieħ tiegħu. Saret komuni li wieħed jippjana vaganza Malta jew barra. Tmiem il-ġimgħa għandu tifsira ġdida. Ħafna Maltin joħorġu flimkien biex jieklu u jiċċelebraw. Ikejlu dak li jagħmlu u l-ħajja li jgħixu mill-ammont ta' gost li joffrulhom.

Minħabba f'hekk kibret ukoll l-industrija tar-rikreazzjoni li toffri lill-Maltin, speċjalment dawk ta' età żagħżugħa, żvog ġdid ta' gosti u alternattivi. Waqt li nibtu żoni f'Malta u Għawdex li l-qligħ tagħhom ġej minn din l-industrija, parti oħra minn din l-industrija hija msejsa fuq *events* organizzati minn żmien għal żmien. Jidher li hemm rabta bejn id-divertiment u l-problema tad-droga u x-xorb.

Minħabba li x-xjuħ qed ikollhom il-pensjoni u forsi xi tifdil, uħud li jaħdmu fl-industrija tar-rikreazzjoni qegħdin jitfgħu ħarsithom fuq l-anzjani bħala għajn ta' dħul ġdid. Hekk żdied il-ħruġ u s-safar.

## Il-polarizzazzjoni politika

10

Fil-pajjiż kompliet il-firda qawwija bejn il-partiti politiċi[8] tant li xi drabi ma jkunx fadal post għal diskussjoni serja dwar kif għandha tkun il-ħajja ċivili f'pajjiżna. Ħafna minn dak li jiġri f'Malta huwa mċappas u mifni b'din il-firda: kollox għandu żewġ tifsiriet! B'hekk ftit li xejn fadal dak il-ħsieb jew attivitajiet li jistgħu jgħaqqduna fil-ħajja ċivili tal-pajjiż. L-akkuża ta' timbru b'politika partiġġjana sar il-mod kif twaqqaf kull attività jew tagħlaq ħalq min ma taqbilx miegħu. Meħtieġa kuraġġ u għaqal biex wieħed ikompli jissielet dan l-atteġġjament li qiegħed jifga kull inizjattiva li tista' tinħoloq barra l-qiegħa politika, u biex ikun hemm dejjem servizz ta' tqarrib għall-ġid tal-Maltin kollha.

## Il-kwestjoni politiko-reliġjuża

11

Il-kwestjoni politika-reliġjuża hija episodju ta' l-Istorja. Sar u għadu jsir sforz biex din ir-realtà ma terġax terfa' rasha. Iżda huwa fatt li għad hawn bosta Maltin li għadhom iħossu fil-fond din il-kwestjoni, tant li għadhom isibuha diffiċli biex jaċċettaw il-Knisja bħala istituzzjoni, kif ukoll dak li l-Knisja tgħid rigward diversi *issues* li jqumu fil-pajjiż.

8 Din is-sitwazzjoni hija msaħħa b'attitudni post-modernista fejn kull ħsieb huwa tajjeb indaqs u kull tagħrif mogħti huwa meqjus bħala impożizzjoni.

# Esperjenzi ġodda ta' familja

12

Dan it-tibdil fil-ħajja Maltija jmiss ukoll il-familja. Naqas id-daqs medju tal-familja.[9] Żdiedu r-relazzjonijiet qabel u barra ż-żwieġ. Qiegħed jiżdied in-numru ta' familji fejn il-ġenituri jmorru jaħdmu mhux biss minħabba l-bżonn ta' flus iżda minħabba l-indipendenza u l-identità tal-persuni.

Għaddejjin minn fażi fejn ġenituri jsibuha diffiċli jifhmu lil uliedhom speċjalment żgħażagħ. Teżisti kriżi ta' komunikazzjoni bejn iż-żgħażagħ u l-ġenituri. It-tfal tgħallmu jaqtgħu għal rashom minn età ferm iżgħar. Qed jiżdied in-numru ta' dawk li wkoll qabel iż-żwieġ imorru jgħixu għal rashom.

Kibru f'Malta s-separazzjonijiet u jeżistu wħud fostna li l-mudell tagħhom ta' familja huwa differenti – żdied in-numru ta' dawk li għandhom mudell ta' familja b'ġenitur wieħed, jew li għalihom relazzjoni oħra hija l-ħajja ta' kuljum. Xi drabi jgħaddu minn tbatija iebsa u każijiet pjetużi. Żdied ukoll il-fenomenu tal-koabitazzjoni, ukoll bejn persuni ta' l-istess sess.

Minħabba li l-Maltin qegħdin jgħixu aktar, żdied in-numru ta' anzjani li jispiċċaw jgħixu waħedhom. Dan jista' jsir ferm diffiċli meta wieħed mill-koppja jiġi nieqes. Mhux darba u tnejn tiltaqa' ma' sitwazzjoni ta' tbatija hekk kbira li l-persuna titlef kull sens fil-ħajja. Mhux rari li meta xi ħadd mill-anzjani jimrad, tikber ħafna t-tbatija għall-istess persuna u għall-ulied. F'mumenti bħal dawn huwa possibbli, anke għall-Maltin, li jaħsbu f'alternattivi oħra.

[9] Skond iċ-ċensiment ta' l-1995, il-*Mean Household Size* f'Malta kien 3.25 u Għawdex 3.15. Il-*Crude Birth Rate* niżlet minn 5641 (17.7) fl-1978 għal 4308 (11.36) fl-1999. Minn dawn ta' l-aħħar 434 kienu twelid barra ż-żwieġ - ara Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika, *News Release* 70 (9 ta' Ottubru 2000).

## Esperjenzi ta’ Knisja

13

Ħafna Maltin iġarrbu l-esperjenza ta’ x’inhi l-Knisja fil-parroċċi tagħna. Hemm parroċċi fejn l-insara jħossuhom komdi u oħrajn fejn le. Kultant jiddependi mill-kappillan jew arċipriet: per eżempju, jekk jaħdimx il-kunsill pastorali parrokkjali, kemm jipparteċipaw il-lajċi, il-ħidma ta’ djakonija. Il-parroċċi għandhom is-suriet differenti tagħhom, imma fl-istess waqt jinħass il-bżonn ta’ mudelli ta’ parroċċa li jistgħu jservu ta’ gwida, kif ukoll ta’ *monitoring mechanisms* biex wieħed jista’ jiddiskuti u jagħmel dixxerniment fuq it-tmexxija ta’ parroċċa.

Għadd ta’ Maltin, kemm dawk li jġarrbu esperjenza ta’ komunità u wkoll dawk li tbiegħdu minnha, illum għandhom ukoll esperjenzi ta’ Knisja Kattolika barra minn Malta permezz tal-qari, jew għax għexu barra, jew għax ġew f’kuntatt ma’ Knisja barra.

Kiber in-numru ta’ Maltin li għamlu għażla għal dak li hu spiritwali imma mhux reliġjuż – “Kristu iva imma Knisja le”. Uħud, minħabba esperjenza jew oħra fil-Knisja f’Malta jew barra, qegħdin jimxu t-triq tat-tfittxija mingħajr ma jridu jkollhom x’jaqsmu ma’ l-Istituzzjoni. Forsi dan jispjega l-ġirja ta’ xi wħud lejn in-*New Age* li kellna u għad għandna fostna.

Għandna Maltin li ħallew il-parroċċi biex iħaddnu gruppi oħra. Jidher li dawn l-għażliet kultant huma protesta kontra l-anonimat fil-parroċċi tagħna. Fil-gruppi dawn in-nies isibu l-faraġ, l-appoġġ u l-attenzjoni li ħafna drabi qegħdin ifittxu.

## Il-Knisja f’Malta f’dan il-kuntest ta’ bidliet

14

Il-Knisja f’Malta tagħraf dawn ix-xejriet kulturali u soċjali ġodda li jfissru kuntest ġdid fejn hi msejħa biex taqdi l-missjoni tagħha. Huwa żmien ta’ sfidi u opportunitajiet ġodda.

F'dan is-Sinodu, bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla, il-Knisja qed tagħmel dixxerniment li jitlaq mir-realtà kif inhi u, fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, iwassal għal proposti ta' ħidma pastorali fil-kuntest Malti llum.

Qed tagħmel dan b'dokumenti fuq tmien temi partikulari:

Viżjoni ta' Knisja komunjoni
Kultura-Soċjetà-Knisja
Lajċi Nsara
Xandir tal-Kelma
Liturġija u Sagramenti
Djakonija u Ġustizzja
Żwieġ u Familja
Adolexxenti u Żgħażagħ

Jalla dan id-dixxerniment tas-Sinodu u l-proposti li joħorġu minnu jservu għat-tiġdid spiritwali u pastorali tal-Knisja f'Malta.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 18 - 1*